Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,400, 5 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 181 tal-2020

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 34 u 47 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru responsabbli għal Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali) (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.399.28.

Jemenda t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Taqsima B tat-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) għal kull *paired 5* MHz channel fil-bandi ta' frekwenzi 700 MHz, fil-medda ta' freqwenzi 703-733 MHz u 758-788 MHz.....€224,000".